MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 336/2009

Rev Paul **FORMOSA**, fil-kwalita' tiegħu ta' Provinċjal Delegat tal-Ordni tas-Salesjani ta' San Ġwann Bosco

vs

Joseph u Monica konjuġi **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-6 ta' April, 2009, li bih ir-rikorrent fil-kwalita' tiegħu hawn fuq imsemmija, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti:

( i ) Taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

( ii ) Tikkundanna lill-Imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur nomine ta' disgħa u sittin elf tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmi (€69,881.20) li tirrappreżenta l-valur ta' legat imħalli lill-Ordni attur f'testment aġġuntiv ta' John Mifsud tat-12 ta' Diċembru, 2007, fl-atti tan-Nutar Patrick Critien. Talab ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Semgħet lill-avukat ta' intimati tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha;

Semgħet lill-avukat tal-attur nomine;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Rat l-artikoli 721(1), 726, 727 u 734 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** ta' l-attur *nomine* u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur nomine s-somma ta' disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmi rappreżentanti l-valur ta' legat imħalli lill-attur nomine (€69,881.20) kif fuq ingħad flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-30 ta' Jannar, 2009, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------